

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9924/26

LIMITE

CORLX 544
CFSP/PESC 807
COARM 107
COEST 413

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għal proġett dwar it-tnaqqis tar-riskji
għas-sikurezza tal-munizzjon fl-Ukrajna

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

b'appoġġ għal proġett dwar it-tnaqqis tar-riskji għas-sikurezza tal-munizzjon fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) illeċiti u l-munizzjon tagħhom. L-Unjoni impenjat ruħha, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għal ġestjoni aktar effettiva tal-ħażniet tas-SALW u li tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni u l-assistenza għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar SALW, inkluż il-ġestjoni tal-ħażniet għas-SALW u l-munizzjon.
- (2) Fl-4 ta' Diċembru 2023, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-Qafas Globali għall-Ġestjoni tal-Munizzjon Konvenzjonali Tul il-Ħajja (il-Qafas Globali), li huwa qafas kooperattiv volontarju li fih sett ta' impenji politiċi biex isaħħaħ u jippromwovi inizjattivi eżistenti dwar il-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja, u jindirizza l-lakuni eżistenti fiha. L-Objettiv 5 tal-Qafas Globali jinkoraġġixxi l-istabbiliment mill-istati tal-kapaċitajiet tekniċi biex titwettaq sorveljanza adegwata, sistematika u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali fil-ħażniet nazzjonali, kif adatt u konsistenti mal-liġi nazzjonali, inkluż permezz tal-ġhoti u r-riċeviment ta' kooperazzjoni u assistenza internazzjonali.
- (3) Fl-14 ta' April 2025, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni tal-Armi, li fihom inkariga lill-Grupp ta' Hídma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM) fejn rilevanti biex jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ġestjoni tal-ħażniet tal-armi u l-munizzjon.

- (4) L-eżerċizzju tad-dritt inerenti ta' awtodifiża mill-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja mill-24 ta' Frar 2022 involva l-akkwist u l-ġestjoni ta' ħażniet sinifikanti ta' munizzjon konvenzjonali, li ġġenera riskji u sfidi serji għas-sikurezza.
- (5) L-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm jenħtieġ li jintużaw kif xieraq biex titnaqqas it-tbatija umana u jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-poplu tal-Ukrajna fil-kuntest tal-awtodifiża tagħha kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi relatati mal-gwerra.
- (6) Għalhekk huwa xieraq li l-Unjoni tappoġġa, permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja, proġett immirat lejn it-tnaqqis tar-riskji għas-sikurezza tal-munizzjon fl-Ukrajna,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tappoġġa proġett dwar it-tnaqqis tar-riskji għas-sikurezza tal-munizzjon fl-Ukrajna (il-“proġett”).
2. L-oġġettiv tal-proġett għandu jkun li jitnaqqsu r-riskji għas-sikurezza tal-munizzjon fl-Ukrajna billi jiġu ddeterminati r-rekwiżiti tal-kapaċità teknika għas-sorveljanza tal-munizzjon mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Ukrajna u, fuq dik il-bażi, billi jtejbu l-kapaċitajiet tekniċi nazzjonali permezz tal-akkwist u t-trasferiment ta' tagħmir tal-ittestjar u permezz tal-ġħoti ta' taħriġ relatati. Il-proġett għandu b'dan jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' aċċidenti relatati mal-munizzjon u splużjonijiet mhux ippjanati, għall-protezzjoni mtejbja tal-persunal, u għas-sikurezza ċivili mtejbja.
3. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentat Għoli”) għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett għandha titwettaq miċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal Skopijiet Umanitarji (GICHD) u l-ITF Enhancing Human Security (Organizzazzjoni għat-Tisħiħ tas-Sigurtà Umana) (ITF).

3. Il-GICHHD u l-ITF għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dan il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-GICHHD u l-ITF.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni (in-“nefqa”) għandu jkun ta' EUR 1 996 834.
2. In-nefqa għandha tiġi ġestita f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni tajba tal-ammont ta' referenza finanzjarja msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehimiet meħtieġa mal-GICHHD u l-ITF. Dawk il-ftehimiet għandhom jistipulaw li l-GICHHD u l-ITF għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għall-kuntest u d-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hiliha biex tikkonkludi l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti kull sitt xhur imħejjija mill-GICHD u l-ITF.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmijin fl-Artikolu 3(3) jew 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk l-ebda wieħed minn dawk il-ftehimiet ma jkun ġie konkluż f'dak il-perjodu.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
